# Il-Gnien Mohbi

*dramm muzikali ta'* **Trevor Zahra**

*ibbazat fuq*

## The Secret Garden

*ta'*

**Frances Hodgson Burnett**

**Jiehdu Sehem**

MARY

MARTHA

COLIN

DICKON

Is-Sinjura MEDLOCK

SUSAN

BEN

Is-Sur CRAVEN

-----------------------------------------------------------------------------------------------

# L-1 ATT

-----------------------------------------------------------------------------------------------

## ID-DAR

**IS-SINJURA MEDLOCK U SUSAN**

MEDLOCK Ma nafx... ma nafx! Tassew qatt ghadni ma rajt tifla stramba daqsha. Il-hin kollu thares bl-ikrah mit-tieqa tal-karozzin 'il barra u ma tghidx nofs ta' kelma.

SUSAN Forsi l-vjagg ghamlilha hazin...

MEDLOCK Jista' jkun!

SUSAN Miskina, tilfet 'l ommha u 'l missierha f'daqqa, hux hekk qalu?. Tifla sfortunata, miskina.

MEDLOCK Sfortunata , iva... ghal elf darba... imma issa li kien kien. Jehtieg tara x'taghmel u tiffaccja l-hajja.

SUSAN Ghadha zghira. U smajt... ma nafx jekk hux minnu... fl-Indja kienu jghixu ta' sinjuri.

MEDLOCK Hekk hu. Imma 'kk ikolli nghid darrewha f'hafna fsied. Hafna sefturi madwarha u kulhadd jaghtiha kull ma trid. Taf xejn li lanqas tilbes wahidha ma taf!!

SUSAN Hi x'kull wahda! X'jigifieri?

MEDLOCK Ghax hemmhekk, fl-Indja, kienu sahansitra jlibbsuha s-sefturi. Izda minkejja dan kollu jiena nissuspetta li ommha w misssierha xejn ma kienu jaghtu kasha kif suppost. Wiccha mixrub u bla kulur. Donnha tifla marradija. Nittama li hawnhekk tiehu sahhitha... u fuq kollox, tnehhi c-cajt u l-fsied li ghandha. Is-Sur CRAVEN zgur mhux se jippermittilha fsied. Dan kien jonqsu, miskin is-Sur CRAVEN, ma' l-inkwiet li ghandu... joqghod irabbi lil din in-neputija !

SUSAN *(Tittawwal)* Hawn ara... nahseb li gejja lil hawn.

**TIDHOL MARY**

MEDLOCK L-ghodwa t-tajba, MARY.

MARY L-ghodwa t-tajba Sinjura MEDLOCK.

MEDLOCK *(Lil MARY)* Din hija SUSAN... il-koka.

SUSAN Ghandi pjacir, Sinjorina MARY.

MEDLOCK Qis li tobdiha dejjem u ma toqghodx ittelliflha hin. Kif tista' tara, illum maltemp u ghalhekk qis li ma tohrogx barra. Din id-dar fiha daqs palazz. Issib hafna fiex tedha hawn gew. Fhimtni?

MARY Meta se narah liz-ziju ?

MEDLOCK Meta jkun il-waqt. Bhal issa s-Sur CRAVEN ghandu hafna x'jaghmel. Jinsab indispost. Meta jidhirlu, jibghat ghalik.

SUSAN (Bil-hlewwa) Jekk tkun tridni llestilek xi kolazzjon....

MEDLOCK (Tahtafha) SUSAN!!! Imxi naraw x'ghandna naghmlu.

SUSAN Iva, Sinjura MEDLOCK.

**MEDLOCK u SUSAN JITILQU. MARY WAHIDHA.**

**KANZUNETTA NRU 1**

**WAHDI**

*(Memories* - *"Cats")*

MARY: Wahdi...

F'did-dar siekta w minsija

Bla ma hadd jahseb fija

Minghajr kelma ta' gid,

Wahdi dejjem

Niggerra go dal-kmamar hemdin,

Nghodd il-granet

Ghaddejjin.

Nahseb...

Bla ma rrid, fil-gejjieni,

Ma nafx kif ghad nghix zmieni,

Minghajr farag imkien,

U tkun hajti

Sensiela biss ta’ kmamar hemdin

Kollha vojta,

Mudlamin.

Waqt li x-xita,

F’bikja twila,

Niezla ma taqta’ xejn;

Jien mixtieqa

Nhares biss mit-tieqa

U nohlom holm ta’ diqa.

Wahdi...

Bqajna x-xita u jiena

t-tnejn inharsu hosbiena,

Bic-carcir tad-dmugha car;

Waqt li hajja ghaddejja ssuq bhall-ilma tal-wied,

Nibqa’ wahdi,

F’dan is-skiet.

KOR: Nahseb...

Bla ma rrid, fil-gejjieni,

Ma naf kif ghad nghix zmieni,

Minghajr farag imkien,

U tkun hajti

Sensiela biss ta' kmamar hemdin

Kollha vojta,

Mudlamin.

****************************************************

*(Waqt il-kanzunetta johrog il-KOR. Fl-ahhar parti tal-kanzunetta MARY tersaq 'il quddiem. Is-separju jinghalaq u MARY tibqa' tkanta l-ahhar bicca quddiem is-separju - wahidha).*

------------------------------------------------------ separju -------------------------------------

**QUDDIEM IS-SEPARJU**

**TIDHOL MARTHA**

MARTHA Jiena jisimni MARTHA.

*(MARY ma twiegeb xejn)*

MARTHA Inti... is-sinjorina MARY, in-neputija tas-Sur CRAVEN.. hux tassew? Ghandi pjacir, taf. *(MARY dejjem thares bl-ikrah).* Tassew li l-Indja kien ikun hemm l-iljunfanti fit-triqat? *(Pawsa)* Jaqaw qed indejqek? Tridni mmur mnejn gejt?

MARY Aghmel kif joghgbok.

MARTHA (Bil-hlewwa) Ghaliex donnok... donnok miggielda ma' kulhadd?

MARY Ghax kulhadd miggieled mieghi.

MARTHA Mhux tassew. Jien minix miggielda mieghek.

MARY U jiena stramba... u kerha.

MARTHA Jekk tipprova titbissem ftit... ma nahsibx li tibqa'thossok kerha. Ommi dejjem tghidilna li hajjitna qisha mera... jekk nitbissmulha, titbissmilna lura; imma jekk noqoghdu nitkerrhulha....

MARY Xi dwejjaq hawn gew... din ix-xita! Jaqaw dal-post dejjem tkun bix-xita?

MARTHA U le, x'inti tghid sinjorina! Minn hawn u ftit iehor jibbnazza u tkun tista' tohrog fil-gonna u tmur tiggerra fuq il-wilga.

MARY (Bi ftit ta' l-entuzjazmu) Hawn gnien kbir?

MARTHA Mhux wiehed. Madwar din id-dar tghidx kemm hawn gonna. Minn gnien wiehed tghaddi ghal iehor. U minbarra l-gonna hemm il-wilga u l-moxa. Kollha artijiet taz-ziju tighek... is-Sur CRAVEN. Tista' tilghab fihom kemm trid.

MARY Inti seftura ?

MARTHA Iva... ommi hija l-koka... nahseb ga ltqajt maghha.. u jien u huti lkoll sefturi mas-Sur CRAVEN. Dar kbira bhal din tghidx kemm xoghol trid.

MARY U ma tiddejjaqx tahdem ?

MARTHA Lanqas xejn. Ara... ara sinjorina... ix-xita waqfet u nahseb ma ddumx ma titfacca x-xemx. Imbaghad johorgu l-ghasafar daqt johorgu jittajru. Se ara nhallikx. Sahha.

MARY Sahha.

**MARY U MARTHA JITILQU.**

**JIFTAH IS-SEPARJU.**

---------------------------------------------------------------------------------------------------

# It-2 ATT

## FIL-GNIEN

**Il-Gnien Mohbi jidher minn barra**

**<u>BEN QED JAHDEM.  TIDHOL MARY</u>**

BEN L-ghodwa t-tajba sinjorina. Ibbnazza sa fl-ahhar. Inti... inti s-sinjorina li giet mill-Indja ?

MARY Ga smajt bija ?

BEN Se toqghod mas-Sur CRAVEN, hux ?

MARY Jisimni MARY.

BEN Ghandi pjacir sinjorina. Jiena BEN, il-gardinar. Trabbejt hawn go dawn il-gonna, mas-sigar tal-ballut u tal-qastan. U bhalhom xjeht u .... bejnietna, wicci tkemmex daqs zokk ta’ balluta. U hawn ghad immut ukoll.

MARY Xi dwejjaq !

BEN Dwejjaq? Ghaliex? Tafx li jien ma nafx xi jkunu dwejjaq? U taf l-ghala? Ghax jien m’ghandix zmien noqghod nahseb fuqhom. Ghandi x’naghmel wisq biex noqghod nahli hini nahseb fid-dwejjaq.

MARY Mhux bhali... jien m'ghandi x'naghmel xejn. Dejjem wahdi.

BEN Ehh... sinjorina; jien ukoll gieli nhossni wahdi ! Imma ha nghidlek... tahseb li tkunu wahdek meta fil-fatt ma tknx..

**<u>GHASFUR JGHANNI.</u>**

Qed tisimghu? Hemm hu! Dak il-pitirross tghidx kemm sar habib tieghi. Kuljum jigi jittawwalli.

MARY (Thares lejn sigra) Iva.. hemm hu. Qed narah. X'inhu gustuz!

BEN Nahsbu li nkunu wahidna... imma kollox jiddependi minna stess. Hawn ara... riesaq xi hadd iehor li dejjem wahdu... u fl-istess hin mhu wahdu qatt. Hawn ara... wasal DICKON.

**<u>JIDHOL DICKON</u>**.

DICKON Hej BEN... kollox sew?

BEN Bongu DICKON. (Jurih lil MARY) Din is-sinjorina MARY... li giet toqghod maghna.

DICKON Iva... qaltli ohti. (Lil MARY) Lil ohti MARTHA ga ltqajt maghha hux... u anki lil ommi.

MARY Iva.

DICKON (jigbidha fil-genb) Trid nghidlek sigriet? Ftit ilu sibt volpi ckejken... ghadu daqsxejn ta' ferh. Ommu abbandunatu... jew forsi qatluha... u qed irrabbih jien. Ga sar jiekol minn idi.

**<u>BEN IKOMPOLI JAHDEM U JIDHOL 'IL GEWWA BIL-MOD</u>**

-

MARY Tassew?

DICKON U ghandi haruf, zewg grieden bojod, skwajjattru u cawla. Tghidx kemm huma mansi. Qbadthom minn dawn il-gonna.

MARY Rajt pitirross tghidx kemm hu helu. BEN qalli li hawnhekk qatt ma thossukom wahidkom. Tassew?

BEN Ma nafx! Qatt ma tajt kas. Naf biss li ghandi hafna hbieb... ic-cawla, il-haruf, il-grieden u issa ghandi l-volpi wkoll. U dan mhux kollox. Ghandi wkoll is-sigar tal-ballut u l-gilji.

**KANZUNETTA NRU. 2 - MARY, DICKON U L-KOR**

**Qatt Ma Hassejtni Wahdi**

*(I Don't Know How to Love Him- "Jesus Christ SuperStar")*

DICKON Qatt ma hassejtni wahdi

Ghalkemm wahdi niggerra

Qalb dal-merghat

Qalb dal-wesghat,

Dejjem sibt is-sliem

Li nixtieq jien

Bil-ferh akkumpanjat!

Kull hlejqa tghidli kelma,

Bla ma biss kelma tlissen,
’Mma fuq kull fjur,
Fuq fomm l-ghasfur,
Nilmah kliem ta’ skiet,
Nifhmu bla nkwiet,
U nhossha qalbi tfur
B’ferh tas-smewwiet!

Forsi hbieb m’ghandix,
Tfal x’aktarx ma nsibx,
Hawn f’dal-bahh mitluf,
Minn kull ruh maqtugh,
Imma x’nehtieg ahjar minn dan?
Jien nghix ta’ sultan!

MARY Nixtieq nista’ nismaghha,
Din il-kelma sigrieta,
Li jghid il-fjur,
Li jghid l-ghasfur,
’Tini kemmxejn hjiel,
Ta’ dan il-gmiel,
Ha hossha qalbi tfur
Minflok tidbiel!

-------- *Muzika* --------

Imma x'nehtieg ahjar minn dan?

Jien nghix ta' sultan!

MARY/DICKON Kull hlejqa tghidli kelma,

Bla ma biss kelma tlissen,

'Mma fuq kull fjur,

Fuq fomm l-ghasfur,

Nilmah kliem ta' skiet,

Nifhmu bla nkwiet,

U nhossha qalbi tfur

B'ferh tas-smewwiet!

Hawn ghandi hbieb...

Hbieb bil-mijiet!

MARY *(Tara l-bieb tal-gnien)* Dak... dak il-bieb ghal fejn jaghti ?

DICKON Dak il-gnien il-mohbi.

MARY Gnien mohbi??? Xi jkun?

DICKON Gnien li hadd ma jista' jidhol fih.

MARY Hadd? Ghaliex?

DICKON Ma nafx. Nismaghhom jghidu li s-Sur CRAVEN ma jrid lil hadd jidhol hemm gew. Dak il-gnien joboghdu. Jghidu li kien qaflu u rema l-muftieh.

MARY Ghaliex ?

DICKON Ma nafx. Hekk nismaghha tghid lil ommi.

MARY Nixtieq nista' nidhol fih. Min jaf kemm hu sabih minn gewwa.

DICKON Ma nahsibx..ghax jghidu li ilu maghluq ghaxar snin shah. Trid nurik il-volpi u c-cawla? Imxi mieghi.

MARY *(Qabel tohrog thares lura lejn il-bieb tal-gnien)*

Nixtieq nista' nidhol fih.

------------------------------------------------------- separju ----------------------------------

## Quddiem is-Separju

**HSEJJES TA' MALTEMP - IMhALLTIN MA' BIKI.**

**JIDHLU MARTHA U SUSAN B'ILBIES TA' BIL-LEJL.**

SUSAN Rega' l-maltemp. Das-sajjetti jwerwruni. MARTHA ruhi... mur ara t-tieqa tal-kcina hix maghluqa sewwa.

**SAJJETTA**

SUSAN Santa Barbara!

MARTHA Ghalaqtha jien stess ma... qabel tlajna ’l fuq.

SUSAN X’maltempata dik hej... Ara, mela ahjar tingabar f’kamartek. U ara li ggerri l-purtieri sewwa minhabba s-sajjetti. Meta jkun dal-maltemp kollu ma nkunx nista’ naghlaq ghajn m’ghajn. Il-lejl it-tajjeb binti.

MARTHA Il-lejl it-tajjeb ma... jekk tkun tehtieg xi haga ghajjatli.

SUSAN Tinsiex tghid it-talba ta’ Santa Barbara qabel torqod.

**SUSAN TITLAQ**

**WARA FTIT TIDHOL MARY (bil-libsa ta’ bil-lejl)**

MARTHA Mela lanqas inti ma tista’ torqod?

MARY Dan x’hoss hu?

MARTHA Ix-xita u r-raghad...

MARY Le, mhux ghal dawk qed inghid .... qisu hoss ta’ biki. Ixxx... isimghu.

MARTHA Forsi l-hoss tar-rih.

MARY Il-lejl l-iehor smajtu wkoll ... u ma kienx rih. Donnu lehen ta' tifel qed jibki.

MARTHA Hallik minn dal-hmerijiet. Jien ma qed nisma' xejn. Ahjar tmur titgeddes gos-sodda. Il-lejl it-tajjeb.

**MARTHA TITLAQ**

MARY Imma dan zgur mhux il-hoss tar-rih. Jehtieg nara x'inhu.

**MARY TITLAQ**

**Jiftah is-Separju mill-ewwel**

-------------------------------------------------------------------------------------------------

# It-3 ATT

-------------------------------------------------------------------------------------------------

## Il-Kamra ta' COLIN

**TIDHOL MARY**

**COLIN FUQ SIGGU TAR-ROTI, MGHOTTI BIL-KUTRI - JIBKI**

MARY Xi gralek... ghaliex qed tibki.

COLIN *(Jinhasad)* Inti min inti ?

MARY Jiena MARY Lennox... in-neputija tas-Sur CRAVEN... wasalt hawn ftit jiem ilu.

COLIN In-neputija tas-Sur CRAVEN? Jiena COLIN CRAVEN, it-tifel tieghu. Mela... mela ahna kugini!!!

MARY Kugini? Hadd ma qalli li ghandi kugin.

COLIN Lanqas lili ma qaluli li kont gejja toqghod maghna. X'aktarx bezghu jghiduli.

MARY Ghaliex?

COLIN Ghax forsi... forsi ma kontx inkun irridek tigi tarani u naghmlilhom xi xenata. Jien ma rrid lil hadd jigi jarani... lanqas is-seftruri ma jkellmuni.

MARY Imma dan ghala?

COLIN Ghax jien... jien.... jien marid. Dejjem hawn f'din il-kamra ghax m'ghandix sahha. Ma nistax nimxi. U la nikber ftit iehor dahri jitghawweg u insir hotbi. Imbaghad immut.

MARY Imma dan min qalulek? Missierek?

COLIN Missieri ftit li xejn jigi jarani... xi drabi jigi jittawwalli meta jkun minghalih li nkun rieqed. Jien naghmel ta' *birruhi* rieqed imma ma nhallihx jinduna. Missieri joboghdi.

MARY Joboghdok???

COLIN Iva... naf li joboghdni u ma jridx jaf bija. Ommi mietet ftit wara li twelidt jien u missieri ma ried jaf b'xejn aktar. U issa jien se mmut ukoll.

MARY *(Tara ritratt fuq il-komodina)* Din ommok ?

COLIN Iva.

MARY Kemm kienet helwa. Qisha tifla bil-qieghda fuq din il-bandla. Kos... qed nghid, tixbahha hafna lill-mama tieghi... Alla jahfrilha.

COLIN Jigifieri ommok u ommi kienu ahwa, hux hekk ?

MARY Hekk hu.

COLIN U t-tnejn mietu. U jien se mmut ukoll.

MARY Din tassew dar stramba. Kmamar maghluqin... gonna msakkrin...

COLIN Gonna? X'gonna huma?

MARY Xejn.. xejn... wiehed mill-gonna li rajt dal-ghodu. Allura ma tridnix nigi narak ?

COLIN Int iva... ibqa' ejja arani. Xi gnien hu li rajt dal-ghodu?

MARY Gnien mohbi... li s-Sur CRAVEN ma jrid lil hadd jdhol fih. Ilu msakkar ghaxar snin shah.

COLIN Mela minn ghomri. Jien ghandi ghaxar snin.

MARY Anki jien.

COLIN Ghidli... MARY... ghidli ftit x'hemm hemm barra... fil-gonna. Ghidli. Inti zgur ma tigdibx.

**KANZUNETTA Nru. 3**

**HEMM BHAL NIFS HAFIF**

*(I Have Often Walked - "My Fair Lady")*

MARY Hemm bhal nifs hafif

Li ma nafx x'inhu,

Hemm bhal fwieha helwa niezla minn gos-sema blu,

Thoss iz-ziffa hdejk

Tmelles lil haddejk,

U xi hadd jghidlek fis "Merba bik!"

Hemm il-fjuri zghar

Li bil-kemm tarahom

Izda ssib l'ghandhom tbissima hekk kif tosservahom,

Waqt li dawl leqqien
Jghammex kullimkien,
Thoss xi hadd jghidlek fis “Merhba bik!”

Ghalkemm
xi drabi, is-sema
Jiddallamlek u jahbilek il-holqien,
Ghalkemm
Is-shab jaf jingema’
U jimtela b’xita tqila kullimkien.

Il-maltemp malajr
Jiskot f’qasir zmien,
U fis-sema tfigg qawsalla friska kollha lwien,
Il-hamrija tfuh,
Thossha ’ttik ir-ruh,
U bla kliem tghidlek fis “Merba bik!”

Tinkwetax bl-irjieh
U l-maltemp qalil,
Il-burraxki horox qatt ma jdumu ghal zmien twil,
Wara l-ehxen shab,
Dwal ix-xemx jinsab,
Li jaghtik minnufih “Merhba Bik!”
Wara l-ehxen shab,

Dwal ix-xemx jinsab,

Li jaghtik minnufih “Merhba Bik!”

==================================

------------------------------------------------------- separju ------------------------------------

**QUDDIEM IS-SEPARJU**

**TIDHOL IS-SINJURA MEDLOCK**

MEDLOCK MARTHA... MARTHA.. fejn inti?

MARTHA Hawn Sinjura MEDLOCK.  X’ghandek bzonn?

MEDLOCK Rajtha xejn lis-sinjorina MARY?

MARTHA Ftit ilu rajtha hierga minn kamritha.

MEDLOCK Mur ghidiliha tigi... malajr..issa stess.

MARTHA Kollox sew Sinjura

**<u>MARTHA TITLAQ</u>**

MEDLOCK SUSAN... SUSAN...

SUSAN Sejjahtli Sinjura ?

MEDLOCK Iva... dal-lejl wasal is-Sinjur.

SUSAN Is-Sur CRAVEN!!!!???

MEDLOCK Iva, is-Sur CRAVEN... mela min tridu jkun. Qis li tahseb ghal ikla specjali.

SUSAN Kemm se jdum did-darba, Sinjura?

MEDLOCK Min jista' jghid. Ghandu mnejn jitlaq lura l-lejla stess. Issa haffef, mur fittex ahseb ghall-ikel.

SUSAN Arani sejra.

**<u>TIDHOL MARY</u>**

MEDLOCK Eh wasalt? Ersaq 'l hawn ha naral sewwa. *(Thares lejha u tiflilha lbiesha)* Eh... mhux hazin. Mhux hazin. Wasal is-Sur CRAVEN u jrid jarak.

MARY Iz-ziju???

MEDLOCK Iva.. iz-ziju... is-Sur CRAVEN. Irid jarak issa stess. Qis li ggib ruhek sew u ma titkellimx jekk ma jitolbokx hu. Fhimtni?

MARY Kollox sew.

MEDLOCK Issa... haffef... imxi ha niehdok quddiemu.

**<u>JITILQU</u>**

**<u>JIDHOL IS-SUR CRAVEN, bil-qieghda wara tavolina. Icempel qanpiena. TIDHOL MEDLOCK</u>.**

CRAVEN Lesta?

MEDLOCK *(B'hafna sottomissjoni)* Iva.. iva.. Sinjur. Wara l-bieb qieghda.

CRAVEN Ghidilha tidhol.

**<u>TIDHOL MARY - CRAVEN BIL-QIEGHDA DAHRU LEJHA</u>**

(*Meta tidhol bil-kemm jaghti kasha. Wara ftit idur lejha bil-lajma*.)

CRAVEN MARY Lennox! Ersaq ... ersaq lil hawn. Kif thossok?

MARY Tajba.

CRAVEN *(Ihares lejha fiss).* Sewwa qaluli SUSAN u s-Sinjura MEDLOCK... tidher li ghandek bzonn hafna ezercizzju, arja u ikel bnin. Kif qed tqattaghha?

MARY Niggerra fil-gonna...

CRAVEN Tajjeb... tajjeb... Jiena... jiena bniedem marid u... u.... mfarrak bl- inkwiet u ... insomma... b'hafna hsibijiet ohra. Jiddispjacini li ma nistax niehu hsiebek kif jixraq. Is-Sinjura MEDLOCK tara hi x'tehtieg. Imma jekk hemm xi haga li tixtieq naghtik... forsi gugarelli, hwejjeg jew kotba...

MARY Hemm iva.... izda...

CRAVEN Ghidli, ghidli, m'ghandekx minn xiex tibza'.

MARY Nixtieq bicca art...

CRAVEN Bicca art? X'jigifieri?

MARY Roqgha art fejn inkun nista' nhawwel u nxettel u nara l-fjuri jikbru u jisbiehu...

CRAVEN Tassew? Dilettanta tal-gnien ?

MARY Ma nafx.. imma mindu rajt dan il-berah kollu, hassejt li mhemmx isbah milli tara l-holqien jiehu l-hajja.

CRAVEN *(wahdu)* Thawwel u xxettel u tara l-fjuri jisbiehu. Qed tfakkarni f'xi haddiehor li kien ukoll mitluf wara l-fjuri u l-gonna. *(jigi f'tieghu).* Kollox sew... hawnhekk hawn artijiet kemm trid aghzel bicca liema trid u tkun tieghek.

MARY Liema rrid ?

CRAVEN Liema trid...

MARY Grazzi.. grazzi...

**CRAVEN ICEMPEL IL-QANPIENA - TIDHOL MEDLOCK**

CRAVEN *(lil MARY)* Jien dalwaqt se nerga' nsiefer u nqatta' s-sajf kollu se nqattghu 'il boghod. Ma narakx qabel hafna xhur ohra. Is-Sinjura MEDLOCK tiehu hsiebek hi. Sahha.

MARY Sahha u grazzi.

**PALK JITBATTAL - JITFACCA DICKON**.

DICKON MARY... MARY... fejn inti ?

MARY *(tohrog)* Hawn...

DICKON BEN qalli li kont qed tifittixni.

MARY Iva. Sibt il-muftieh ta' dak il-Gnien mohbi. Kont qed nilghab mal-pitirross u dan beda jaqbez u jhaffer b'munqaru gol-hamrija. Jien ersaq lejh u f'daqqa wahda nara bhal bicca hadida mirduma. Komplejt inhaffer... u wara ftit sibt... dan *(tohrog il-muftieh mill-but).* Tigi mieghi?

DICKON Imma s-Sur CRAVEN ma jrid lil hadd jidhol fih...

MARY Imma jien ghandi l-permess tieghu. Qalli li nista' niehu liema bicca art irrid biex nizra' l-fjuri fiha. Liema rrid. Qed tifhem? Il-Gnien mohbi jkun is-sigriet taghna. Xi tghid?

DICKON *(Jahsibha ghal ftit, imbaghad wiccu jiddawwl f'daqqa)* Tlaqna!

**JITILQU JIGRU.**

---------------------------------------------------------------------------------------------------

# Ir- 4 Att

---------------------------------------------------------------------------------------------------

## Il-Gnien (minn gewwa - xitwa)

**MARY U DICKON JIFTHU L-BIEB U JIDHLU - GHASAFAR IPESPSU.**

DICKON X'kull wahda... mur obsor x'kobor ta' gnien kien hawn!

MARY Ara DICKON...hawn bandla....

DICKON *(Jifliha)* Tabbuzax titla' fuqha, ghax il-habel mherri.

MARY *(Tahseb)*... Bandla... iva.. iva.. din l-istess bandla li rajt fir-ritratt fil-kamra ta' COLIN.

DICKON (Jinhasad) Mela ga ltqajt mas-Sur COLIN?

MARY Iva... imma ara li ma tghid lil hadd.

DICKON Jien qatt ma rajtu. Ma jkun irid jara lil hadd. Jghidu li se jmut.

MARY Issa hallina minn dan. Dan il-gnien ukoll se jmut jekk hadd ma jaghti kasu. Imma issa nibdew niehdu hsiebu ahna. Xi tghid?

DICKON Ingib il-basal tal-gilji u t-tulipani... u hawnhekk naghmlu l-margeriti... u hawn il-qronfol.

MARY Ara, DICKON, hawnhekk donnhom ga bdew jinbtu x-xtieli. Bil- kemm jidhru... imma qed jispuntaw mill-hamrija.

DICKON Iva... ghalkemm mitluqin wahidhom, ix-xtieli jhossu li zmienhom qed joqrob.

**KANZUNETTA - NRU 4**

## FRIEGHI NIEXFA

*(Music of the Night* - *"Phantom of the Opera")*

MARY/Kor

Frieghi -- niexfa,

Xewk twil taht saqajja,

Sigar - sofor,

Weraq minghajr hajja;

Qalbek thoss maghsura

Kif tara l-gnien f’dis-sura...

----- *Muzika* -----

Kollox --- wieqaf,
Medhi f’raqda kbira,
Telqa -- siekta,
Hassret kull tifkira;
Izda fil-hamrija
Hemm zrieragh gegwigija,
Bis-sabar il-jum kollu jistennew,
Bit-tama li ghad forsi jithennew.

Kieku biss tfigg ix-xemx minn wara s-shab iswed comb,
U ddoqq fis it-trumbetta tal-qawmien,
Kieku ssehh bidla kbira f’dan il-gnien,
U kull fjur jiftah qalbu ghall-holqien.

Go kull warda,
Go kull xitla msejkna,
Tinsab rieqda,
Principessa ckejkna,
Tohlom u tistenna,
Il-wasla helwa benna,
Tal-Princep li ghad jigi mis-smewwiet,

U b'dawl ix-xemx jaghtiha zewg bewsiet!

Imbaghad hawn ma jibqax is-skiet u l-bahh l' hawn illum,

Il-fjur kollu jinfexx f'qawsalla lwien,

U t-tifkira tirxoxta f'qasir zmien,

U t-tbissim jibqa' jiddi tul il-jiem!

Kollox --- wieqaf,

Medhi f'raqda kbira,

Telqa -- siekta,

Hassret kull tifkira;

Izda fil-hamrija,

Hemm zrieragh gegwigija,

Bis-sabar il-jum kollu jistennew,

Bit-tama li ghad forsi jithennew.

-- *Muzika*--

Bis-sabar il-jum kollu jistennew,

Bit-tama li ghad forsi jithennew.

============================

-------------------------------- separju ----------------------------------

**QUDDIEM IS-SEPARJU**

**MARY U MARTHA**

MARY Ga hawwilna l-basal tat-tulipani u d-dalji. U DICKON se jizbor is-sigar tal-ward tax-xewk.

MARTHA Nittama li s-Sur CRAVEN ma jirrabjax meta jsir jaf.

MARY Mhux ga ghidtlek li hu stess tani l-permess naghzel liema bicca art irrid...

MARTHA Iva.... imma.... dak il-gnien mod iehor.

MARY Ghala? X'fih differenti dan il-gnien. Isma' MARTHA...irridek tghidli b'kollox... hemm xi sigriet li donnok qed tahbih minni...

MARTHA Hemm iva... imma...

MARY Ghidli!

MARTHA Ommi tghid li dak il-gnien kien tas-Sinjura CRAVEN... iz-zija tieghek. Kienet tqatta' l-gurnata kollha fih... thawwel il-fjuri u tizra' u xxettel. Insomma.. dak il-gnien kien il-mimmi t'ghajnejha. Kienet bidlitu f'genna ta' l-art. Imma darba, ftit wara li twieled is-Sur COLIN, is-Sinjura waqghet minn fuq fergha ta sigra u korriet serjament. U wara ftit mietet. Tista' tahseb is-Sur CRAVEN kif baqa'. Kulhadd hasbu se jiggennen. Sakkar il-gnien, rema l-muftieh u ta ordni li hadd ma jidhol aktar fih u hadd ma jsemmih. Anzi beda jobghod dak il-gnien li kien il-kagun tal-mewt ta' martu. U ma ried jaf b'xejn aktar. Lanqas b'ibnu. Aktar jaghmel xhur 'il boghod.. imsiefer.. milli hawnhekk. Ommi tghid li anki lil din id-dar sar donnu joboghdha.

MARY Miskin.. iz-ziju...

MARTHA U dahhalha f'rasu li s-Sur COLIN huwa tifel marradi... u li m'ghadx jghix hajja twila.

MARY *(Deciza)* Irrid nerga' mmur hdejn COLIN.

MARTHA Ara ma tarakx is-Sinjura MEDLOCK. Hadd minna m'ghandu permess jersaq lejn il-kamra tas-Sur COLIN.

------------------------------------------------------------------------------------------------

# Il-5 Att

------------------------------------------------------------------------------------------------

## <u>Il-Kamra ta’ COLIN</u>

**<u>MARY HDEJN COLIN</u>**

COLIN Ghaliex ilek daqshekk ma tigi tarani ?

MARY Kelli hafna x’naghmel.

COLIN Kellek x’taghmel! Ma qalulek li tani attakk...?

MARY Attakk ta’ xiex?

COLIN Qtigh ta’ nifs. Kont qed nifga. Ghal ftit ma mittx.

MARY Imma ghadek haj... mhux hekk?

COLIN X’kellek x’taghmel ?

MARY Kont fil-gonna... ma'... ma' DICKON...

COLIN Min hu DICKON?

MARY DICKON jahbat it-tifel ta' SUSAN, il-koka; hu MARTHA. Tassew tifel fuq ruhu. Ghandu volpi ckejken tghidx kemm hu gustuz.. u ghandu haruf u cawla mansa... u zewg grieden bojod u skwajjattru.... u jifhem fl-ghasafar u l-fjuri u s-sigar u x-xtieli...